MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

| | |
|---|---|
| Riferenza: | Minuti tas-Seduta 25/K7/2014 |
| Data: | Il-Ġimgħa 19 ta' Diċembru 2014 |
| Post: | Uffiċċju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 5.30 p.m. |

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku | Sna Margaret Baldacchino Cefai |
| | Kunsilliera | Sna Romina Galea<br>Sur Alan Abela Wadge<br>Sur Lino Bartolo<br>Sur Charles Selvaggi<br>Sur Maurice Agius<br>Is-Sur Emanuel Brincat<br>Is-Sur Matthew Agius |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Sna Marita Portelli |
| | Skużat | Dr Alex Sciberras<br>Is-Sur Matthew Mangion |

## AĠENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat it-Tnejn 15 ta' Diċembru, 2014. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 24/K7/2014
2. Materji mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni tal-pagamenti tal-Kontijiet
5. Kumitat Amministrattiv tas-Swatar
6. Kommunikazzjoni minn Laqgħat li saru
7. Affarijiet oħra jekk urġenti
8. Aġġornament

**Seduta Numru 25/14**

**1251** **Is-Sindku fetħet il-laqgħa b'talba lis-San Ġużepp.**

**1** **Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 24/K7/2014**

**1252** **Materja 1210: Is-Sur Emanuel Brincat qal li meta s-Sindku għamlet referenza għall-Kumitat tan-Nursery huwa kien wieġeb li hu qatt ma kien fil-Kumitat ta' din l-għaqda. Fuq l-istess materja s-Sur Abela Wadge qal li huwa għandu l-kariga ta' Viċi President fil-Kumitat tal-futbol sa' Mejju li ġej pero' qal li ma jistax jivvota.**

**1253** **Materja 1212: Is-Sur Brincat qal li huwa qal li fejn hemm is-'soft areas' issir gradilja mad-dawra tas-siġar u li bejn is-sigar jsir il-konkos. Qal ukoll li fuq il-fence importanti li l-Kunsill jara li ssir xibka tal-konkos.**

**1254** **Is-Sur Bartolo qal li f'din il-materja hu kien semma ukoll, u ingħata l-approvazzjoni tal-Kunsill li jintalbu kwotazzjoni, għal sett siġġijiet tas-Sala tal-Kunsill.**

**1255** **Il-minuti ġew approvati b'dawn il-korrezzjonijiet.**

**2** **Materji mill-Minuti**

**1256** **Il-Kunsill issospenda din il-parti ta' l-Aġenda u qabel li l-Materji minn dawn il-minuti ser jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss.**

3 **Korrispondenza**

1257 Is-Sindku informat lill-Kunsill li hi rċiviet imejl mingħand l-Ispettur Ransley li kien qed imexxi l-każ ta' libell kontra persuna li kiteb xi kummenti fuq Facebook fuq 'commission' li jieħu 'min hu responsabbli' fil-Kunsill fir-rigward ta' l-iskart. Is-Sindku qalet li s-Sur Zahra kien kiteb b'mod pożittiv fuq il-Facebook meta tneħħew il-BIS, pero' ma skużax ruħu uffiċjalment. Sar qbil li meta jirritorna mis-safar is-Sur Żahra għandu jikteb l-ittra u l-Kunsill itellagħha fuq Facebook.

1258 Is-Sur Maurice Agius saqsa fuq l-ittra tal-MUSEUM u ġie nformat li ntbagħtet risposta.

1259 Is-Sur Bartolo saqsa fuq l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ u ġie nformat li kemm tintela l-formola tal-konsent biex tkun tista tintbagħat id-Dipartiment.

1260 41/1463 – Saret diskussjoni fuq l-imejl mit-TM fejn talbu lista ta' toroq li jridu jsiru għal l-ewwel darba. Il-Kunsilliera ġew informati, li wara diskussjoni li saret magħħhom bl-imejl, it-TM ġew informati fuq diversi toroq, jew partijiet ta' toroq li għandhom bżonn isiru għall-ewwel darba. Intqal ukoll li għandha tintbagħat 'update' biex jiżdiedu Triq Sant Andrija, Triq is-Sarg (il-parti tad-Dead End) u l-aħħar parti ta' Sqaq it-Torri.

1261 41/1487 – Il-Kunsill ġie informat li hemm każ pendenti l-qorti dwar ħsara li saret minħabba f'pothole fi Triq H Calleja Schembri.

1262 41/1470 – Is-Sur Maurice Agius saqsa fuq l-ittra fuq Triq San Gwann ta' L-Għarar u ntqal li kien qed isir ilment minħabba l-parġeġġ fiż-żona.

1263 Is-Sur Brincat qal li hu bagħat żewġ imejls fis-17 ta' Diċembru pero' mhumiex imniżżlin mal-korrespondenza. Is-Segretarju għandha tiċċekkja ma' l-iskrivana li tieħu nota tal-korrespondenza.

1264 41/1474 – Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Kumitat tal-Banda. Inqrat l-ittra mis-Sindku. Is-Sur Abela Wadge saqsa jekk ikunx hemm statistiċi uffiċċjali ta' min ikun qed jsegwi l-laqgħa tal-Kunsill 'online'. Is-Sur Brincat talab kopja ta' l-ittra. Is-Sur Selvaggi talab li terġa tinqara l-parti tal-minuti li tikkonċerna din il-materja. Minuta 1210 reġgħet inqrat. Is-Sur Matthew Agius qal li mportanti li min iħoss li jkollu xi tip ta' kunflitt ta' interess jressaq din għall-attenzjoni tal-Kunsill huwa stess. Is-Sur Alan Abela Wadge talab li jkun jaf l-

**ammont ta' flus li ntużaw mill-Kunsill f'parteċipazzjoni ta' attivitajjiet ma' l-Għaqda tal-Banda u ma' għaqdiet oħra. Is-Sur Bartolo talab lill-Kunsill biex minn issa l-quddiem jekk talba ma tkunx ġiet mingħand is-Segretarju tal-Kumitat tal-Banda din tiġi njorata. Qal li s-Segretarju tal-Kumitat tal-Banda għandu jikkommunika dan mal-membri tas-Sotto Kumitati fi ħdan l-Għaqda. Is-Sur Selvaggi qal li mportanti li jingħata rendikont ta' kemm ipparteċipa l-Kunsill f'attivitajjiet ma' l-għaqdiet lokali u qal li mhux qed jitlob din l-informazzjoni għax jaħseb li l-Kunsill m'għandux jalloka fondi għal dawn it-tip ta' attivitajjiet ma' l-għaqda tal-Banda. Intqal li bir-raġun li għall-Għaqda tal-Banda jkun ġie allokat ammont akbar ta' flus minħabba l-ammont ta' attivitajjiet varji li jorganizzaw. Is-Sur Matthew Agius qal li importanti li l-Kunsill iżomm rendikont anke minħabba li jekk jkun hemm xi għaqda ġdida l-Kunsill dejjem irid jara li jkun f'pożizzjoni li jorganizza attivitajjiet oħra mingħajr ma jaqbeż il-baġit li hu allokat għal dawn it-tip ta' attivitajjiet soċjali. Is-Sur Selvaggi saqsa jekk l-Għaqda tal-Banda ġietx mgħarfa bil-kitba bid-deċiżjoni tal-Kunsill. Is-Sindku qalet li hi nformat lil President ta' l-Għaqda bil-fomm minħabba li kienu qed jistennew risposta urġenti. Is-Sur Bartolo talab li joħroġ mill-laqgħa iżda l-Kunsilliera qablu li ma kellux għalfejn joħroġ. Is-Sur Matthew Agius qal li qed jaraha stramba li fl-ittra nkitbet li semgħu l-laqgħa fuq l-internet, qal li qisu qed jipprovaw wisq jiġġustifikaw kif saru jafu l-informazzjoni. Is-Sur Brincat qal li hu ma semmiex 'commission', caħad dak li hemm miktub fl-ittra u dak li hemm miktub fil-minuta u jiċħad ukoll li qatt semma l-kelma 'commission'. Is-Sur Brincat talab ukoll li jingħata kopja tal-Kuntratt li bih qed iqabbdu s-servizz ta' persuna biex jgħajjat lill-Bandisti. Is-Sur Matthew Agius saqsa jekk ġiex approvat l-ammont li bih il-Kunsill ser jipparteċipa f'din l-attivita' u ġie nformat li l-Kunsill kien lest li jalloka €200. Is-Sur Matthew Agius issekonda din il-mozjoni minħabba li jaħseb li jekk il-Kunsill ser jidħol f'kollaborazzjoni ma' xi għaqda għandu dritt ikun jaf kif qed joperaw. Is-Sur Abela Wadge qabel. Is-Sindku qalet li l-Kunsill frekwentament jieħu sehem f'attivitajjiet b'kollaborazzjoni m'għaqdiet Misidjani, anke dawk politiċi ta' l-Imsida, u qatt ma ntalbet din l-informazzjoni. Qalet li dejjem rajna li l-attivita' tkun waħda tajba għall-lokali, bi prezzijiet raġjonevoli u ngħatu l-appoġġ tal-Kunsill. Is-Sur Matthew Agius qal li jaqbel li m'għandux jintalab il-kuntratt tal-bar (għax m'għandux x'jaqsam fl-attivita') imma minħabba li dan il-kuntratt jirregola l-ispejjeż li hemm involuti f'din l-attivita', u anke ġie msemmi fl-ittra, ma jarax għalfejn il-Kunsill m'għandux jingħata kopja tal-ftehim. Il-Kunsill qabel li għandu jintalab kopja tal-Kuntratt.**

**4 Approvazzjoni tal-pagamenti tal-Kontijiet**

**1265** **Il-Pagamenti tal-Kunsill tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill.**

**1266** **Is-Sur Maurice Agius saqsa fuq Pagament numru 42 u ġie nformat li din kienet qasrija zejda li kellha tiġi ordnata għal ħdejn il-Kunsill minħabba li il-Kunsill kien ordna 36 qsari u l-ħaddiema taqbu 37 toqob.**

**1267** **Is-Sur Maurice Agius saqsa ukoll minħabba t-taxxa li jħallsu l-Kunsilliera fuq l-onorarja li jieħdu l-Kunsilliera. Hu qal li jinqatgħa 20% taxxa imbagħad jerġa jiġi ntaxxat fuq id-dħul tiegħu.**

**1268** **Il-pagamenti ġew approvati.**

**5** **Kumitat Amministrattiv Swatar**

**1269** **Din il-parti ta' l-aġenda ġiet sospiża minħabba li s-Sur Mangion kien skużat.**

**6** **Affarijiet Oħra Jekk Urġenti**

**1270** **Sar qbil li ser jiġu ordnati 8 djarji tal-Kunsill mingħajr l-isem ta' kull Kunsillier.**

**1271** **Is-Sur Matthew Agius talab li sal-laqgħa li jmiss ikollu risposta fuq it-talba li għamel għal titjib ta' bankini fiż-żona ta' l-Universita'.**

**1272** **Is-Sur Matthew Agius talab li l-Kunsill jingħata nformazzjoni fuq l-ammont ta' riċiklaġġ li qed jinġabar bis-sistema l-ġdida meta kkumparat ma' l-ammonti tas-sena li għaddiet fl-istess żminijiet.**

**1273** **Is-Sur Charles Selvaggi saqsa x'qed jiġri minħabba li skart riċiklat qed jinħareġ nhar ta' Ġimgħa xorta. Is-Sindku informatu li l-ewwel darba saret dawra żejda biex jinġabar ir-riċiklaġġ. Intqal li l-Greenpak reġgħu marru fid-djar ta' dawk li ħarġu r-riċiklaġġ barra biex jinformawhom bit-tibdil. Is-Sur Maurice Agius qal li l-Greenpak suppost għandhom jerġgħu jmorru għand min ma sabuħx id-dar biex jkellmu r-residenti dwar it-tibdil. Hu qal li hekk kien il-ftehim magħhom.**

**1274** **Is-Sur Matthew Agius xtaq jieħu l-opportunita' biex jinforma lill-Kunsill li hu qed jaħdem mal-GRTU pero' ried jagħmilha ċara li ma għandu l-ebda konnessjoni mal-Green MT peress li mhux involut fit-tmexxija ta' l-istess GRTU.**

**1275** **Is-Sur Brincat qal li hemm xi kaptelli miksura fi Triq Guze Ellul Mercer. Is-Sur Demarco ser jiġi nformat biex jieħu r-ritratti.**

**1276** **Is-Sur Bartolo informa lil Kunsill li l-kalendarju ta' din is-sena li ġejja ha jkollu ndikat il-ġranet li fiħ jinħareġ iż-żibel, ir-riċiklaġġ, eċċ. Hu qal li jibda jitqassam il-ġimgħa d-dieħla.**

**1277** **Is-Segretarju resqet talba ta' Rachel Aquilina and Mirane Camilleri biex imexxu 96 siegħa ta' Leave kull wieħed għas-sena 2015. It-talba tagħhom ġiet approvata.**

**1278** **Is-Sur Maurice Agius fakkar li fi Triq D'Argens kantuniera ma Triq it-Tabib Naudi (ħdejn tal-Battries) kellu jsir xi xogħol biex ma jibqgħax jinġabar l-ilma fil-kantuniera. Sar qbil li ser isir xi tarmak.**

**1279** **Is-Sur Bartolo qal x-xogħol li għamlu t-TM sewa biex titneħħa dik il-benniena fit-triq ta' quddiem il-Kunsill. Issa pero' hemm ħofra kbira ħdejn it-Traffic Lights, fi Triq il-Wied, fejn qed iżżomm ħafna ilma.**

**1280** **Is-Sur Matthew Agius tkellem fuq il-problemi li qed jiffaċċjaw ir-residenti fi Triq Victor Denaro u Triq l-Isqof Caruana minħabba l-immigranti u l-iskart li qed jinħareġ. Qal li hemm bżonn nitkellmu mat-tmexxija l-ġdida tal-Pulizija fl-Imsida.**

**1281** **Is-Sur Selvaggi talab ghal-rendikont ta' fejn marru l-Wardens fl-Imsida u x'citazzjonijiet inħargu.**

**7** **Aġġornament**

**1282** **Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-18:56.**

**1283** **Sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir fl-20 ta' Jannar.**

**Approvati llum ____________________**

**Margaret Baldacchino Cefai** — **Sindku**

**Marita Portelli** — **Segretarju Eżekuttiv**